# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Ronald Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru 231/2018**

**Illum 23 ta’ Settembru, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ronald Cutajar, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 365378(M).

Akkuzat talli nhar il-11 ta’ April 2018 bejn il-17:00hrs u t-20:30hrs gewwa 2, Triq Gilormu Cassar, Floriana:-

1. Ikkommetta serq ta’ basket jikkontjeni laptop tal-ghamla Apple Macbook Pro minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni SQM131 liema serq huwa kwalifikat bil-valur u jeccedi l-mitejn u tnejn tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) pero mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha ghoxrin Euro u sebgha u tletin

centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Quentin Bugeja u/jew ta’ persuna/i ohra u dana bi ksur tal-artikoli 261, 263, 271, 278 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura numru SQM131 tal-ghamla Toyota Aygo ghad-dannu ta’ Quentin Bugeja u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250) u dana bi ksur ta’l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Xjentement f’dawn il-Gzejjer laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkunu mdahhlin biex jbieghhom jew imexxihom liema reat jikkonsisti f’serq li huwa aggravat bil-valur, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D) nhar it-02 ta’ Frar 2017 f’dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta’ €5,000 u dana bi ksur ta’ l-artikoli 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Ronald Cutajar u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta’ €5,000 tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. F’kaz ta’ htija l-Qorti ghandha titratta ma’ Ronald Cutajar bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi kien gie misjub hati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma’ jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fit-3 ta' Mejju 2018 l-imputat tpogga taht Ordni Provizzorja ta' Supervizjoni[1] u giet nominata l-ufficjal sorveljant Joanna Farrugia biex issegwi lill-imputat[2].

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' serq li sehh nhar il-11 ta' April 2018 fi Triq Gilormu Cassar, Floriana bejn il-5.00pm u l-10.30pm, a dannu ta' Quentin Bugeja.

Illi l-imsemmi Quentin Bugeja xehed quddiem il-Qorti[3]. Huwa jispjega li fil-gurnata in ezami halla l-vettura tieghu, li ghandha numru ta' registrazzjoni SQM 313, ipparkjata fit-telgha ta' Kastilja u meta mar lura sab it-tieqa ta' wara mifqugha. Fil-karozza Bugeja kien halla basket li fih kellu laptop; il-basket u l-kontenut tieghu ma kienux fil-karozza. Peress li l-laptop kellu tracking system l-imputat attiva din is-sistema u matul il-lejl ircieva alarm li taghtu informazzjoni fejn seta kien qieghed il-laptop; huwa informa lill-pulizija immedjatamant. Ix-xhud spjega li eventwalment l-laptop gie ritornat lilu mill-pulizija pero b'xi hsara. Bugeja spjega ukoll li l-hsara fit-tieqa tal-vettura kienet tammonta €149.29[4]; li l-laptop, li kien jiswa €1894.00[5], kellu hsara ammontanti ghal €70.01[6]; u li l-basket kien jiswa €195.00[7].

Illi xehdu ukoll ufficjali tal-pulizija:

- PS 728 Brandon Borg[8] jispjega li gie infurmat bir-rapport ta' Bugeja, mar fuq il-post fejn kien hemm il-karozza ipparkjata u seta' jinnota t-tieqa mifqugha. Ikkonferma li l-ghada kmieni fil-ghodu Bugeja cempel biex jghidilhom li mill-localisation deher li l-laptop kien fi Triq is-Sewwieqa Hamrun. Is-surgent u l-Ispettur Alfredo Mangion marru fir-residenza indikatat mit-tracking system, residenza fejn kien joqghod certu Johann Sultana. Dan infurmahom li huwa kien xtara l-laptop minghand l-imputat

[1] Ref verbal a fol 26.
[2] Ref nota a fol 50.
[3] Depozizzjoni a fol 28 et seq.
[4] Ref invoice a fol 32 parti minn Dok QB1.
[5] Ref ricevuta a fol 33 parti minn Dok QB1.
[6] Ref invoice a fol 34 parti minn Dok QB1.
[7] Ref ricevuta a fol 35 parti minn Dok QB1.
[8] Depozizzjoni a fol 36 et seq.

bi prezz ta' tmenin Euro; Sultana tahom l-laptop. PS 728 prezenta r-rapport relattiv[9].

- L-Ispettur Priscilla Caruana Lee[10] ikonfermat dak li qal PS 728 u ziedet li fuq l-informazzjoni moghtija minn Johann Sultana gie arrestat l-imputat. Hija spjegat ukoll li waqt li l-imputat kien arrestat sar konfront bejnu u Johann Sultana u l-imputat ammetta li kien hu li ha l-laptop. L-imsemmija Spettur spjegat ukoll li l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet.
- L-Ispettur Alfredo Mangion[11] fil-waqt li ikkonferma dak li ntqal mill-kollegi tieghu, prezenta ritratti tal-laptop[12] kif ukoll sentenza moghtija fil-konfront ta'l-imputat nhar l-10 ta' Gunju 2014[13].

Illi f'l-ewwel stqarrija tieghu[14], mistoqsi jekk wara nofs in-nhar fil-gurnata in ezami kienx fi Triq Gilormu Cassar, l-imputat jghid li ma jistax ikun li kien hemm ghaliex kien ghadu xoghol; jghid ukoll li huwa hadem sal-5.00pm u li fil-5.20pm kien id-dar. Kompla jghid li tant kien ghajjien li malli wasal id-dar raqad u baqa rieqed sa' l-ghada fil-ghodu. Huwa jinnega li kellu laptop fil-pussess tieghu, jew li sgassa l-karozza ta' Bugeja. Mistoqsi dwar Johann Sultana jghid li kien jafu u li l-ahhar li kien rah kien fil-funeral ta' missieru xi hames gimghat qabel. Fit-tieni stqarrija[15] l-imputat ammetta li huwa kien ra laptop fil-karozza ta' Bugeja, kiser il-quarter window, ha l-basket u telaq bih. Huwa jammetti ukoll li l-laptop bieghu lil Johann Sultana ghal €80.00 u li l-basket remih.

Illi l-prosekuzzjoni prezentata ukoll kopja awtentikata ta' degriet mghoti fit-2 ta' Frar 2017 mill-Magistrat Dr Micallef Trigona permezz ta' liema l-imputat kien inghata helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet hemm elenkati, inkluz dik li ma jikkommettiex reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest[16].

Illi xehedet ukoll l-ufficjal sorveljant Joanne Farrugia[17]; tul il-proceduri hija prezentant ukoll diversi noti biex taghti informazzjoni lill-Qorti dwar l-andament ta'l-imputat[18]. Minn dawn id-depozizzjonijiet taghha u l-imsemmija noti jirrizulta li:

- L-imputat ghandu problema ta' droga u fil-passat kien qieghed taht ordni ta' probation; kien ghamel zmien f'Dar l-Impenn u anke f'l-Assessment

---

9 Dok BB1 a fol 38 et seq.
10 Depozizzjoni a fol 42 et seq.
11 Depozizzjonijiet a fol 47 et seq u a fol 57 et seq.
12 Dok AM1 a fol 59.
13 Dok AM2 a fol 60/61.
14 Dok CC5 a fol 18/19.
15 Dok CC6 a fol 20/21.
16 Dok CC7 a fol 22.
17 Depozizzjoni a fol 92 u 98.
18 A fol 54, 65, 82, 94, 101 u 103.

Stabilisation Unit (ASU) bil-pjan li jibda programm residenzjali pero l-imputat telaq mill-ASU.

- Meta l-imputat kien ghadu taht arrest preventiv fil-proceduri odjerni u tpogga taht Ordni Provizzorja ta' Supervizzjoni giet assenjata lilu key worker mill-Agenzija Sedqa; din infurmathu li peress li kien taht arrest preventiv ma setghax jigi ammess f'programm residenzjali.
- Fit-30 ta' Ottubru 2018 (fil-kors tal-proceduri odjerni) l-imputat inghata helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibda u jkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni.
- Fil-31 ta' Jannar 2019 l-imputat dahal Dar l-Impenn u ftit wara gie trasferiet l-ASU minn fejn kellu jintbaghat programm residenzjali; l-imputat pero telaq mill-ASU.
- Peress li biex jerga jigi ammess fi programm iridu jghaddu tlett xhur il-key worker hejjiet pjan skond liema l-imputat kellu jattendi ghal laqghat maghha darbtejn fil-gimgha; l-imputat ma zammx ma' dan il-pjan u t-testijiet li bdew isirulu kienu pozittivi ghall-eroina u ghal kokajina.
- Fil-15 ta' Marzu 2019 l-imputat minn jeddu irrikovera lilu nnifsu f'l-isptar Monte Carmeli fejn inzamm fid-Dual Diagnostic Unit (DDU) u kellu jibqa hemm sa kemm jigi ammess f'programm residenzjali, huwa per telaq fil-bidu ta' Gunju 2019;
- Testijiet li sarulu wara li telaq mid-DDU irrizultaw pozittivi ghall-kokaina, eroina u cannabis; aktar minn hekk f'dan il-perjodu huwa m'attendiex ghall-appuntamenti ma'l-ufficjal sorveljant u mal-key worker.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietat b'diversi reati:

1. Serq aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga;
2. Hsara volontarja;
3. Ricettazzjoni;
4. Ksur ta' liberta provizzorja; u
5. Recidiva.

Illi mill-atti processwali m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-gurnata u l-hin indikati fic-citazzjoni nsteraq basket mill-karozza ta' Quentin Bugeja u li f'dan il-basket kien hemm laptop. Jirrizulta ukoll li biex seraq dan il-laptop minn wettaq id-delitt kisser tieqa tal-vettura. Mill-atti processwali jirrizulta ukoll li l-valur komplessiv tal-basket u l-laptop kien elfejn u disgha u tmenin Euro (€2,089) u li l-hsara ikkawzata fil-vettura u fil-laptop kienet tammonta ghal mitejn u dsatax Euro u tlettin centezmu (€219.30).

Illi Johann Sultana ma tressaqx bhala xhud pero fit-tieni stqarrija[19] tieghu l-imputat jammetti li kien hu li seraq il-basket bil-laptop go fih u li biex ghamel hekk kisser it-tieqa ta' wara tal-karozza. Konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li kien l-imputat li wettaq is-serq imsemmi f'l-ewwel imputazzjoni u li kien l-imputat li kkawza l-hsara imsemmija fit-tieni imputazzjoni.

Illi ghalehkk l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati kif dedotti.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'ricettazzjoni. Huwa car mill-fatti ta' dan il-kaz li din l-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni dwar serq. Peress li l-imputat qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fid-degriet tat-2 ta' Frar 2017 permezz ta' liema inghata helsien mill-arrest.

Illi mid-degriet esebit in atti, Dok CC7, jirrizulta li l-imputat kien inghata helsien mill-arrest fid-data imsemmija u wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu kienet li "*ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest*"[20].

Illi l-imputat qed jinstab hati ta' serq aggravat u hsara volontarja, it-tnejn delitti ta' natura volontarja, kommessi fil-11 ta' April 2018. Pero ma ngiebet l-ebda prova li f'dik id-data il-proceduri li fihom l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest kienu ghadhom pendenti; konsegwentement ma jistax jinghad li ngiebet prova sufficjenti li fil-11 ta' April 2018 l-imputat kien marbut bil-kundizzjonijiet imsemmija fid-degriet tat-2 ta' Frar 2017.

Illi ghalhekk din ir-raba imputazzjoni ma tistax tissussisti.

Ikkunsidrat

---

[19] Din l-istqarrija giet rilaxxjata wara li l-imputat nghata d-dritt li mhux biss jikkonsulta ma' avukat qabel ir-rilaxx ta'l-istqarrija, imma wara li nghata ukoll id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija.
[20] Ir-raba kundizzjoni.

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva.

Illi huwa ben stabbilit li *l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti;* ***tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti***[21] *kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva.*[22]

Illi in sostenn ta’ din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat dokument li gie deskritt bhala sentenza: Dok AM 2[23].

Illi dan id-dokument jikkomprendi zewg faccati. L-ewwel faccata hija kopja ta’ citazzjoni li permezz taghha l-imputat gie imharrek biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ Dicembru 2013 biex jirrispondi ghal imputazzjonijiet dwar sewqan minghajr licenzja u minghajr polza ta’ assigurazzjoni. It-tieni faccata hija verbal ta’ udjenza mizmuma f’l-10 ta’ Gunju 2014 f’kawza fil-konfront ta’ l-imputat, skond liema verbal il-kawza li ghalih kien jirreferi dan il-verbal giet deciza; fil-verbal hemm indikat *inter alia* li nghatat sentenza, li l-kawza giet deciza, u li l-imputat instab hati; hemm indikazzjoni ukoll ta’ multa wahda imposta.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 taal-Ligijiet ta’ Malta li jirregola l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, jispecifika li *l-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*.

Illi dwar l-artikolu 382 u kif ghandu jigi applikat mill-Qorti tal-Magistrati, anke meta, fi proceduri somamrji s-sentenza tinkiteb fuq il-komparixxi, l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali prounuzjat ruhha hekk:

> *Kif gie ritenut f'gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x'hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f'*

[21] Is-sottolinear huwa ta’ din il-Qorti.
[22] Ref Il-Pulizija vs Joseph Zahra: Appell Kriminali deciz 24 ta’ Frar 2003.
[23] A fol 60/61.

*kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza.*

***Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza*[24]**, *pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxi li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil-procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmija.* [25]

Illi s-sentenza li suppost inghatat fil-konfront ta'l-imputat mhiex miktuba fuq ic-citazzjoni, ghalhekk ic-citazzjoni ma sservi l-ebda skop ai fini ta' prova ta' xi sentenza li setghet inghatat fil-konfront ta'l-imputat. Il-verbal minn-naha l-ohra zgur ma jistax jigi accettat bhala sentenza ghaliex ma jissodisfax il-vot ta' l-artikolu 382 kif imfisser fil-gurisprudenza. Naturalment il-Qorti lanqas ma tista tinjora l-fatt li ma jirrizultax mill-atti, u ma tressqet l-ebda prova, li dak il-verbal huwa verbal ta' xi udjenza mizmuma fil-kawza indikata fic-citazzjoni.

Illi konsegwentement, ghalkemm id-difiza mhux qed tikkonesta l-fatt li d-dokumenti esebiti Dok AM2 jirreferu ghall-proceduri fil-konfornt ta' l-imputat, la darba dawk id-dokumenti, separatament u anke mehuda flimkien, ma jikkwalifikawx bhala sentenza, ma jistax jinghad li ngiebet l-ahjar prova ta' xi sentenza mghotija fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu mill-liema jirrizultaw kundanni ghal diversi reati inkluz diversi instanzi ta' serq. Aktar minn hekk il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li minkejja diversi opportunitajiet li nghatawlu biex jirriabilita lilu nnifsu mill-vizzju tad-droga huwa m'gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet. Il-Qorti lanqas ma tistax ma tosservax li fil-mori ta' dawn il-proceduri, meta l-imputat kien

[24] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[25] Ref Il-Pulizija vs Keith Pace: deciza 5 ta' Mejju 2005.

jaf li l-agir tieghu ser ikun determinanti ai fini ta' piena li talvolta setghet tigi imposta huwa naqas li jikkopera ma' l-ufficjal sorveljant u anke mal-key worker tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-unika piena li tista taghti hija dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba u l-hames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 267, 271(g) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u **tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna lill-imputat biex **ihallas lill-parte leza Quentin Bugeja is-somma ta' erbgha mija u hmistax Euro (€415.00)** bhala kumpens ghad-danni minnu subiti[26].

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[26] Dan l-ammont jinkludi l-valur tal-basket li baqa ma giex ritornat u l-ammont ta' hsara ikkawzata fil-karozza u fil-laptop.